31971D0142

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Marzu 1971

dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea

(71/142/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 105(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra il- finali tal-Konferenza tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern li saret fl-Aja fil-1 u fit-2 ta' Diċembru 1969, u partikolarment il-punt 8 tagħha;

Wara li kkunsidra r- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappresentattivi tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tat-22 ta' Marzu 1971 ([1]) rigward il-fażi tal-istabbeliment ta' l-Unjoni Ekonomika Monetarja fil-Komunità, u partikolarment il-punt III (5) tagħha;

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi r-Reżoluzzjoni msemmija hawn fuq tipprovdi li l-kooperazjoni bejn il-banek ċentrali għandha tkun imsaħħa;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-istrateġija monetarja tagħhom u fir-rigward tal-linji ta' gwida rigward l-istrateġija ekonomika ġenerali stabbilita mill-Kunsill.

Artikolu 2

F'dan il-qafas, il-banek ċentrali għandhom ikunu mistiedna, fil-limiti tal-poteri tagħhom u tar-reponsabbiltajiet ripsettivi tagħhom:

(a) li jikkoordinaw l-istrateġiji monetarji tagħhom u l-materji ta' kreditu, fi ħdan il-Kumitat ta' Gvernaturi ta' Banek Ċentrali;

(b) li jistabilixu linji ta' gwida ġenerali li għandhom ikunu segwiti minn kull wieħed minnhom, partikolarment fir-rigward tat-tendenza tal-likwidità tal-banek, it-termini għall-forniment tal-kreditu u l-livell tar-rati ta' l-imgħax;

(ċ) li jistabbilixxu metodi prattiċi għall-applikazzjoni ta' din il-proċedura.

Artikolu 3

Din id-Deċisjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 1971.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COINTAT

([1]) ĠU L 28, tas-27.3.1971, p. 1.